MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Numru 379/2004

PULIZIJA
(SPETTUR JOSEPH MERCIECA)

VS

LEONARD DEGUARA

Illum, 28 ta' Ottubru, 2004.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Leonard Deguara, ta' sitta u tletin sena iben Salvatore u Pacifica nee Galea, imwieled Mosta, Malta fit-13 ta' Dicembru, 1967 u residenti fil-fond numru 51, Fatima, Triq il-Wied, Mosta, Malta u detentur tal-karta tal-identita numru 9868 (M);

Talli fl-4 ta' Mejju, 2004, ghall-habta tan-nofs siegha t' fil-ghodu, u/jew fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin mill-imputat, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa Triq Grognet, Mosta, Malta volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe vettura Fiat uno, numru ta' registrazzjoni IAN – 309, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin, imam teccedi il-hamsin lira Maltin, ghad-dannu ta' Brian Galea.

Ikkunsidrat;

Illi wara li rat l-ammissjoni tal-imputat;

Illi wara li rat it-talba ta'l-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Brian galea u tal-familja tieghu;

U wara li rat id-dokumenti esebiti;

U semghet ix-xhieda kollha;

Rat l-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Tiddeciedi dan il-kaz billi tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------